



RAPPORT KONĠUNT DWAR IL-PROTEZZJONI SOĊJALI U L-INKLUŻJONI SOĊJALI 2009 — SOMMARJU

Inklużjoni soċjali, pensjonijiet,
kura tas-saħħa u kura għal żmien twil



Il-Kummissjoni Ewropea

Din il-pubblikazzjoni hija appoġġjata mill-Programm Komunitarju Ewropew għall-Impjiegi u s-Solidarjetà Soċjali (2007-2013). Dan il-programm jitmexxa mid-Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Opportunitajiet Indaqgħal Kummissjoni Ewropea. Ġie stabbilit li l-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali tkun appoġġjata finanzjarjament, kif stipulat fl-Aġenda Soċjali, u b'dan għalhekk ikun qed jingħata kontribut għall-kisba tal-għanijiet tal-Istrateġija ta' Liżbona f'dawn l-oqsma.

Il-Programm ta' seba' snin għandu fil-mira l-partijiet interessati kollha li jistgħu jgħinu fit-tfassil tal-iżvilupp tal-impjiegi u l-leġiżlazzjoni soċjali u linji politiċi xierqa u effettivi, madwar l-UE-27, l-EFTA-ŻEE u l-pajjiżi kandidati u pre-kandidati tal-UE.

Il-missjoni PROGRESS għandha ssaħħaħ il-kontribut tal-UE bħala appoġġ għall-impjenji u l-isforzi tal-Istati Membri biex jinħolqu aktar impjiegi u impjiegi aħjar u biex tinbena soċjetà aktar koeżiva. Għal dan l-għan, PROGRESS se tkun strumentali:

- f'li ttiprovdi analiżi u pariri ta' politika fl-oqsma politiċi ta' PROGRESS;
- f'li tissorvelja u tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni u l-linji politiċi tal-UE fl-oqsma politiċi ta' PROGRESS;
- f'li tippromwovi t-trasferiment ta' linji politiċi, it-tagħlim u l-appoġġ fost l-Istati Membri dwar l-għanijiet u l-prijoritajiet tal-UE; kif ukoll
- f'li jitwasslu l-fehmiet tal-partijiet interessati u tas-soċjetà b'mod ġenerali.

Għal aktar tagħrif ara:
<http://ec.europa.eu/progress>

RAPPORT KONĠUNT DWAR IL-PROTEZZJONI SOĊJALI U L-INKLUŻJONI SOĊJALI 2009

SOMMARJU

Inklużjoni soċjali, pensjonijiet,
kura tas-saħħa u kura għal żmien twil

II-Kummissjoni Ewropea

Direttorat Ġenerali għall-Impjieg, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq
Taqsima E2 + E4

Manuskritt li tlesta f'Ġunju 2009

La l-Kummissjoni Ewropea u lanqas kwalunkwe persuna oħra li taġixxi f'isem il-Kummissjoni mhuma responsabbli mill-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument.

© ritratti Getty Images

Għal kull użu jew riproduzzjoni tar-ritratti li mhumiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Komunitajiet Ewropej, għandu jintalab permess direttament mingħand il-proprjetarju(i) tad-dritt tal-awtur.

Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea

Numru tat-telefon ġdid bla ħlas^(*):
00 800 6 7 8 9 10 11

^(*) Ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għan-numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jistgħu jkunu bi ħlas

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server *Europa* (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar kif ukoll astratt jinsabu fit-tmien ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2009

ISBN 978-92-79-13143-1
doi:10.2767/41950

© Il-Komunitajiet Ewropej, 2009
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA ĦIELSA MILL-KLORUR

WERREJ

DAĦLA	5
L-IMPATT SOĊJALI TAL-KRIŻI EKONOMIKA	8
Aktar ċittadini jitolbu l-benefiċċji	8
Il-kontribuzzjoni tal-politika soċjali	9
Insaħħu s-solidarjetà	9
Ir-Rwol tal-Fond Soċjali Ewropew	9
NIĠĠIELDU L-FAQAR U L-ESKLUŻJONI SOĊJALI	10
Ngħinu lit-tfal joħorġu mill-faqar	11
Nippromwovu l-inklużjoni soċjali tar-Roma	11
Inklużjoni attiva	12
L-Immigranti	12
Persuni b'diżabilità	13
Nindirizzaw il-problema ta' dawk bla saqaf fuq rashom	13
L-indirizzar ta' żvantaġġi edukattivi	14
L-indirizzar tal-esklużjoni finanzjarja	14
PENSONIJJET ADEGWATI U SOSTENIBBLI	15
'Adegwatezza' u 'sostenibbiltà' definiti	15
Aktar nies jaħdmu, u jaħdmu għal żmien itwal	16
Niżguraw l-adegwatezza tal-pensjonijiet	17
Skemi ta' pensjonijiet iffinanzjati	17
L-impatt tal-kriżi fuq id-dħul ta' pensjonijiet iffinanzjati	18
Dispożizzjonijiet ta' dħul minimu	18
KURA TAS-SAĦĦA U KURA FUQ ŻMIEN TWIL AĊĊESSIBBLI GĦAL KULĦADD	19
Intejbu s-sistemi tal-kura tas-saħħa	19
Aċċess għall-kura tas-saħħa għal kulĦadd	19
Il-kwalità tal-kura tas-saħħa	21
Sostenibbiltà u koordinazzjoni	21
Kura fuq żmien twil	21
KONKLUŻJONIJIET	22

DAĦLA

Dan il-fuljett jippreżenta s-sejbiet ewlenin tar-Rapport Konġunt tal-2009 dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali u jirrevedi t-tendenzi prinċipali madwar l-Unjoni Ewropea (UE) u fil-livelli nazzjonali f'dawn l-oqsma.

Ir-Rapport Konġunt tal-2009 huwa bbażat fuq ir-Rapporti Strateġiċi Nazzjonali tal-Istati Membri (NSRs), dokumenti li fihom jippreżentaw l-istrategġiji tagħhom dwar kif għandhom l-intenzjoni li jippromwovu l-oġettivi soċjali komuni tal-UE. Ippreżentati lill-Kummissjoni Ewropea fil-ħarifa tal-2008, l-NSRs ikopru l-perijodu 2009-11 u jiffukaw fuq tliet oqsma ewlenin — l-inklużjoni soċjali; il-pensjonijiet; u l-kura tas-saħħa u l-kura għal żmien twil. L-għan huwa li l-messaġġi ewlenin li joħorġu mir-rapport jixprunaw l-isforzi politiċi fl-oqsma tal-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali fis-snin li ġejjin.

Azzjoni fil-livell tal-UE

L-UE taħdem biex tippromwovi l-inklużjoni soċjali u l-protezzjoni soċjali permezz tal-Proċess tal-Protezzjoni Soċjali u tal-Inklużjoni Soċjali. Dan jeħtieġ li l-UE tikkoordina u tinkoraġġixxi l-isforzi tal-Istati Membri biex jiġġieldu l-esklużjoni soċjali u l-faqar, u biex jagħmlu riformi fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom, fuq il-bażi ta' esperjenza kondiviża. Azzjoni fil-livell tal-UE hija bbażata fuq oġettivi komuni għall-UE kollha li jkun sar qbil fuqhom, li l-Istati Membri jimplementaw permezz ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali. Sadanittant, il-finanzjament tal-UE ikun magħmul disponibbli għal attivitajiet li jappoġġjaw dawn l-isforzi.

Is-sistema tal-UE ta' oġettivi u indikaturi komuni, valutazzjoni u rappurtar għall-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali — il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni (OMC) — topera flimkien mal-istrategġija tal-UE għat-Tkabbir u l-Impjiegi. Ir-Rapport Konġunt dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali huwa karatteristika ewlenija tal-OMC (ara l-kaxxa).

Metodu miftuħ ta' koordinazzjoni

L-approċċ tal-UE lejn il-politika soċjali huwa bbażat fuq l-OMC: mekkaniżmu li jikkoordina l-politiki ekonomiċi, tal-impjiegi u soċjali tal-Istati Membri. L-għan huwa li jsir progress lejn miri Ewropej komuni filwaqt li l-pajjiżi individwali jingħataw l-għażla li jiddefinixxu l-politiki dwar kif l-aħjar jilhqqu dawn il-miri. Taħt l-OMC, l-Istati Membri ifasslu pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali li jiddeskrivu l-prijoritajiet u l-azzjonijiet ipplanati, bil-Kummissjoni Ewropea tappoġġja u timmonitorja l-progress.

Is-sitwazzjoni ekonomika

Ippreżentati fl-aħħar ta' Settembru 2008, l-NSRs tal-Istati Membri tnejn qabel ma bdew jinħassu l-effetti tal-kriżi finanzjarja fuq l-ekonomija reali. Għalkemm dawn l-iżviluppi ma setgħux jiġu mbassra fl-NSRs, l-Istati Membri u l-Kummissjoni qablu li r-rapporti għandhom rilevanti, u li l-azzjonijiet previsti biex jgħinu fl-ilħuq tal-oġġettivi soċjali kondiviżi saru aktar u aktar urġenti. B'mod partikolari, politiki soċjali xierqa għandhom jappoġġjaw fl-istess waqt il-miri ta' taffija tal-impatti soċjali avversi fuq dawk l-aktar vulnerabbli u ta' trażżin tal-impatt tal-kriżi fuq l-ekonomija iġenerali.

Inklużjoni soċjali

Madwar 16% tal-popolazzjoni tal-UE — jew 79 miljun persuna — huma f'riskju ta' faqar relatat mad-dħul, u għat-tfal u għall-anzjani, dan il-proporzjon huwa saħansitra akbar. Il-faqar għandu għeruh multipli: akkomodazzjoni fqira, nuqqas ta' ħiliet, nuqqas ta' aċċess reali għall-kura tas-saħħa u servizzi oħrajn vitali, nuqqas ta' kapaċità ta' aċċess għas-suq tax-xogħol — dawn il-fatturi kollha, b'mod partikolari meta kkombinati flimkien, jistgħu jipprevjenu liċ-ċittadini milli jkunu kapaċi jipparteċipaw bis-siħ fis-soċjetà.

L-inklużjoni soċjali tfisser ukoll li jkun żgurat li kulħadd, inklużi l-gruppi vulnerabbli, jista' jagħti s-sehem siħh tiegħu fix-xogħol u fis-soċjetà u li jkollu opportunitajiet ugwali li jagħmel dan. Il-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali hija wkoll essenzjali biex jinkisbu l-miri tal-UE ta' tkabbir ekonomiku sostnut, aktar impjegji u impjeggi aħjar u koeżjoni soċjali akbar.

Minħabba li s-sena 2010 sejra tkun is-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, l-UE għandha tafferma mill-ġdid l-impenn tagħha li tagħmel impatt deċiżiv fuq it-tneħħija għal kollox tal-faqar u l-esklużjoni soċjali sa dakinhar.

Protezzjoni soċjali

Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali huma żviluppanti sew fl-UE. Dawn jipproteġu lill-persuni kontra r-riskji ta' dħul mhux adegwat assoċjat mal-qgħad, mard u invalidità, responsabbiltajiet ta' trobbija, età kbira jew dħul mhux adegwat wara t-telfa ta' konjuġi jew ġenitur. Huma jggarantixxu wkoll aċċess għal servizzi li huma essenzjali għal haġja dinjituża.

Madankollu, in-nuqqas ta' ugwaljanza jibqa' preżenti u f'dinja li qiegħda tinbidel malajr, is-sistemi ta' protezzjoni soċjali qegħdin jiffaċċjaw sfidi ġodda. B'mod partikolari, it-theddiet ewlenin ġejjin minn popolazzjoni li qiegħda tixjieħ, bil-proporzjon ta' ċittadini li għandhom 65 sena u aktar mistenni jogħla b'77% sal-2050. Għalhekk, l-Istati Membri qegħdin jirrifor-


maw is-sistemi tagħhom ta' pensjonijiet, tal-kura tas-saħħa u l-kura fuq żmien twil sabiex jiżguraw aċċess universali u sostenibbli.

L-UE tappoġġja l-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali bil-għan li tiżgura ġustizzja soċjali għal kulħadd u tippromwovi l-parteeippazzjoni attiva ta' kulħadd fis-soċjetà.

Ir-rwol tan-nefqa fuq il-protezzjoni soċjali

Il-protezzjoni soċjali sservi biex tiproteġi kontra l-faqar, iżda tgħin ukoll sabiex tassigura lin-nies kontra riskji soċjali importanti. Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-infiq fuq il-protezzjoni soċjali turi li l-pensjonijiet tal-età u l-benefiċċji kontra l-mard u l-kura tas-saħħa jirrappreżentaw il-parti l-kbira tan-nefqa fl-Istati Membri kollha tal-UE (ara l-figura). Huwa għalhekk li meta wieħed jivvaluta r-rwol preventiv tal-protezzjoni soċjali, jeħtieġ li wieħed iħares b'mod partikolari lejn l-elastiċità tas-sistemi tal-pensjoni u l-aċċess taċ-ċittadini għall-kura tas-saħħa.

Benefiċċji tal-protezzjoni soċjali (% tal-PGD, 2006)




Sors: Eurostat.

L-IMPATT SOĊJALI TAL-KRIŻI EKONOMIKA

L-istatistiċi reċenti dwar l-impjeggi juru biċ-ċar l-impatt tal-kriżi finanzjarja fuq is-swieq tax-xogħol. Pereżempju, f'Marzu 2009, ir-rata ta' qgħad tal-UE laħqet it-8.3% minn rata baxxa ta' 6.7% f'Marzu 2008. Ċerti pajjiżi bħall-Estonja, Spanja, l-Irlanda, il-Litwanja u l-Latvja intlaqtu partikolarment ħażin.

Rata tal-qgħad (%)



Nota: Lċ-ċart turi persuni qiegħda bħala perċentwal tal-forza tax-xogħol (numru totali ta' persuni impjegati u qiegħda).

Sors: Eurostat.

Aktar ċittadini jitolbu l-benefiċċji

F'dawn l-aħħar xhur il-qgħad għola b'mod konsiderevoli inġenerali fl-UE u fil-parti l-kbira tal-Istati Membri, b'mod speċjali f'dak li jirrigwarda ċerti gruppi bħalma huma ż-żgħażaġħ, dawk fuq kuntratti temporanji u l-immigranti. L-informazzjoni miġbura mill-Kumitat għall-Protezzjoni Soċjali tissuġġerixxi li bosta Stati Membri jistennew li l-iskemi ta' għajjnuna soċjali jitpoġġew taħt pressjoni minħabba li ċerti persuni li bħalissa huma koperti mill-assigurazzjoni tal-qgħad jistgħu jitilfu l-intitolament tagħhom qabel ma jsibu xogħol ġdid. Barra minn hekk, il-perċentwal ta' ħaddiema akbar fl-età li jitolbu li jirtiraw kmieni jew li jiddikjaraw xi diżabilità diġà beda jikber f'ċerti pajjiżi.

F'ċerti pajjiżi, in-numru ta' familji li jonqsu milli jħallsu r-rati ta' kull xahar dovuti minnhom lill-bank minħabba self, jew li qegħdin f'riskju li l-bank jaqbdilhom il-propjetà, qed jikber

b'mod rapidu. Għet irrapportata wkoll żieda fir-rati ta' djun eċċessiv u fi kwistjonijiet li jirrigwardaw l-aċċess għall-kreditu għall-individwi. L-iskemi ta' pensjonijiet iffinanzjati qegħdin jiffaċċjaw tnaqqis kbir fil-valur tal-investimenti li jappoġġjaw skemi ta' pensjonijiet.

Il-kontribuzzjoni tal-politika soċjali

Is-sistemi ta' protezzjoni soċjali jaqdu r-rwol ta' 'stabilizzaturi awtomatiċi' billi jgħinu sabieħ itaffu l-impatt tat-tnaqqis ekonomiku fuq iċ-ċittadini, b'mod partikolari dawk l-iktar vulnerabbli. Meta wieħed iqis il-prospetti attwali, l-infiq fuq il-protezzjoni soċjali huwa mbassar li jikber, għalkemm l-Istati Membri jvarjaw fil-kapaċità tagħhom li jlaħħqu ma' din iż-żieda fit-talba.

Il-vittmi li l-aktar sejrin jintlaqtu mill-kriżi x'aktarx ikunu familji vulnerabbli fi żvantaġġ fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà. Għaldaqstant hemm bżonn ta' qafas ta' protezzjoni soċjali li ma jħalli lil ħadd barra u li jkun effikaċi biżżejjed li jerġa' jdaħħal lil dawk li l-aktar li jintlaqtu ħażin f'parteċipazzjoni soċjali attiva u fis-suq tax-xogħol.

Insaħħu s-solidarjetà

Mod kif jittaffa l-effett tal-kriżi ekonomika u li jgħin l-irkupru huwa l-bini fuq il-valuri li jirfdu l-politiki soċjali tal-UE u l-progress fir-riformi tas-sistemi. Ir-riformi strutturali reċenti fil-qasam tas-sigurtà soċjali wasslu għal riżultati, billi impjegaw aktar nies, żguraw l-inċentivi għax-xogħol u saħħew ir-reżistenza tas-swieq tax-xogħol, tawlu l-ħajja tax-xogħol u appoġġjaw it-tkabbir ekonomiku. Huwa vitali li tissaħħaħ aktar l-interazzjoni reċiproka pożittiva b'azzjoni għat-tkabbir u l-impjeg, l-aktar billi tingħata aktar attenzjoni għall-integrazzjoni ta' politika effikaċi u għall-inklużjoni ta' tħassib soċjali f'oqsma politiki oħrajn.

Biex ikun indirizzat l-impatt negattiv fuq l-impjegi u l-koeżjoni soċjali, jeħtieġ li r-riformi jjiġu sostnuti fuq żmien twil. Dawn għandhom ikunu bbilanċjati b'miżuri fuq żmien qasir immirati lejn il-prevenzjoni tat-telf tal-impjegi u s-sosteniment tad-dħul tal-familji. Hemm bżonn ta' rispons qawwi kkoordinat tal-UE, u hemm indikazzjonijiet siewja pprovduti mill-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku Ewropew — l-istrateġija tal-UE biex tixpruna l-irkupru mill-kriżi ekonomika attwali.

Ir-Rwol tal-Fond Soċjali Ewropew


Barra minn hekk, il-Fond Soċjali Ewropew għandu jintuża fil-potenzjal kollu tiegħu b'mod flessibbli u f'waqtu biex jittaffew l-impatti soċjali tal-kriżi, billi jappoġġja d-dħul rapidu mill-ġdid fis-suq tax-xogħol tal-persuni qiegħda u billi jiffoka fuq dawk l-aktar vulnerabbli. Qegħdin isiru sforzi biex l-implimentazzjoni tal-Fondi Strutturali tal-UE tkun issimplifikata u biex titjieb il-koordinazzjoni ma' politiki soċjali.

NIĠĠIELDU L-FAQAR U L-ESKLUŻJONI SOĊJALI

Kif jidher fil-kaxxa tas-SITWAZZJONI SOĊJALI F'ĊIFRI, proporzjon imdaqqas tal-popolazzjoni tal-UE tgħix taħt il-limitu tal-faqar¹. Dan l-ammont ivarja minn 10% fir-Repubblika Ċeka u l-Olanda għal 21% fil-Latvja. Barra minn hekk, it-tfal u l-anzjani jiffaċċjaw riskju akbar ta' faqar, ta' 19%. Hemm bżonn ta' viġilanza hekk kif jistgħu jitfaċċaw gruppi ġodda f'riskju — eż. ħaddiema żgħażaġh u dawk li jidħlu fis-suq tax-xogħol — kif ukoll riskji ġodda.

IS-SITWAZZJONI SOĊJALI F'ĊIFRI: 16% tal-Ewropej, jew 79 miljun persuna, kienu fir-riskju tal-faqar fl-2007

Rata ta' persuni f'riskju ta' faqar fl-UE (% 2007)



Sors: UE-SILC (2007); sena ta' dħul 2006; ħlief għar-Renju Unit (sena ta' dħul 2006) u għall-Irlanda (perijodu ta' referenza għad-dħul mobbli 2005-06); Ir-Rumanija: Stħarriġ Nazzjonali dwar il-Baġit tal-Familji 2006. Id-dejta tal-Bulgarija hija nieqsa.

SMĠ = Stati Membri Ġodda

¹ Dan il-limitu huwa meqjus bħala 60% tad-dħul disponibbli ekwivalenti medju nazzjonali, wara t-trasferimenti soċjali.

Ngħinu lit-tfal joħorġu mill-faqar

Mis-sena 2000 il hawn, il-proporzjon ta' tfal li huma f'riskju ta' faqar fl-UE ma naqasx. L-indirizzar tal-faqar tat-tfal u t-trażżin tat-trasmissjoni ta' żvantaġġi bejn ġenerazzjoni u oħra, kien tħassib sinjifikanti sa minn meta tnieda l-proċess tal-inklużjoni soċjali. Il-kwistjoni spiss ġiet identifikata bħala prijorità ewlenija għall-Istati Membri.

Fl-2006, il-Kunsill Ewropew ta' Marzu talab lill-UE-27 biex jieħdu passi deċiżivi biex jeliminaw il-faqar fost it-tfal. Bosta aċċettaw din l-istedina b'impenn kbir. Fil-fatt, bosta pajjiżi li taw prijorità lill-kwistjoni issa qegħdin jippjanaw li jsaħħu l-istrategġiji tagħhom u li jseguw approċċ aktar multidimensjonali u integrat.

Jeħtieġ li tingħata spinta lill-isforzi tal-Istati Membri sabiex jimplimentaw strategġiji komprensivi kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali tat-tfal, inkluża l-kura tat-tfal ta' kwalità aċċessibbli u li wieħed jiflaħ għaliha.

22 pajjiż stabbilew miri relatati mal-faqar tat-tfal, b'16 minnhom jużaw indikaturi li sar qbil fuqhom mill-UE. Xi wħud stabbilew ukoll miri intermedjarji għall-isfidi speċifiċi tagħhom (familji bla xogħol, familji l-aktar fir-riskju, intensità tal-faqar, kura tat-tfal).

Barra minn hekk, ġeneralment tingħata aktar attenzjoni lit-tfal u l-familji fit-tfassil globali tal-politiki tal-inklużjoni soċjali, l-aktar fil-kuntest ta' politiki ta' inklużjoni attivi. Ħafna 'inkludew' il-faqar tat-tfal b'dan il-mod f'oqsma bħad-dħul u l-pagi minimi, ir-rikonċiljazzjoni tax-xogħol mal-ħajja tal-familja u servizzi favur il-familja.

Nippromwov l-inklużjoni soċjali tar-Roma

Ir-Roma madwar l-Ewropa għandhom it-tendenza li jiffaċċjaw firxa ta' żvantaġġi, li jagħmluhom estremament vulnerabbli għall-esklużjoni soċjali u l-faqar. Għaldaqstant, l-Istati Membri b'minoranza mdaqqsu ta' Roma taw aktar attenzjoni lil din il-kwistjoni u b'mod ġenerali hemm aktar fehim tal-isfidi involuti.

B'mod partikolari, il-kwistjonijiet li għandhom jiġu indirizzati jinkludu d-desegregazzjoni, l-aċċess għall-impjegi, l-indirizzar tal-iżvantaġġi fl-edukazzjoni, u aċċess itjeb għal servizzi bażiċi bħall-akkomodazzjoni u l-kura tas-saħħa. Madankollu, hemm ħtieġa għal qafas ta' politika komprensiva, flimkien ma' aktar dejta u bażi ta' għarfien usa' u aktar affidabbli.

Inklużjoni attiva

Il-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali tfisser il-promozzjoni tal-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli u l-indirizzar tad-diskriminazzjoni f'kull qasam tal-ħajja, inkluż fis-suq tax-xogħol. L-istrateġiji ta' 'inklużjoni attiva' għandhom rwol importanti x'jaqdu, biex jiżguraw li l-politiki soċjali jimmobilizzaw lin-nies li huma kapaċi jaħdmu filwaqt li jipprovdu standard ta' għajxien diċenti lil dawk li huma u li sejrjn jibqgħu barra mis-suq tax-xogħol.

L-inklużjoni attiva, li tippromwovi fl-istess waqt s-swieq tax-xogħol inklużivi, l-iżgurar ta' dħul adegwat u aċċess għal servizzi ta' kwalità, hija prijorità għall-parti l-kbira tal-Istati Membri. Madankollu, id-diversi aspetti jiġu indirizzati b'mod separat f'bosta każijiet, filwaqt li l-persuni l-aktar żvantaġġjati jbatu minn diversi żvantaġġi u għalhekk huwa essenzjali li jkun hemm tweġibiet integrati.

Bosta pajjiżi ħadu passi biex jiżguraw li jibqqa' jinżamm il-poter tal-akkwist ta' benefiċjarji bi dħul minimu. Iżda jibqqa' essenzjali, pereżempju, li jitfasslu rabtiet aħjar bejn il-benefiċċji għal persuni li ma għandhomx xogħol u appoġġ lil persuni fiż-xogħol, sabiex jinħolqu l-inċentivi xierqa, filwaqt li fl-istess ħin ikun żgurati appoġġ adegwat għad-dħul u jiġi evitat il-faqar tal-ħaddiema, u titrawwem l-inklużjoni dejjiema fis-suq tax-xogħol.

L-Immigranti

Grupp ieħor li għandu t-tendenza li jiffaċċja żvantaġġi soċjali huwa dak tal-immigranti. Tabilħaqq, għadhom jeżistu differenzi sinjifikanti bejn dan il-grupp u l-maġġoranza tal-popolazzjoni f'dak li jirrigwarda l-faqar, id-dħul, is-saħħa, l-impjieg, il-qgħad, l-edukazzjoni u l-ħruġ qabel iż-żmien mill-iskola.

Fil-fatt, l-Istati Membri jagħtu prijorità lit-titjib tal-inklużjoni tal-immigranti. Bl-adozzjoni dejjem tiżdied ta' approċċ ħolistiku, qegħdin jiffukaw aktar fuq l-involvement kemm tal-immigranti kif ukoll tas-soċjetà ospitanti fil-proċess, u bosta qegħdin jaħdmu sabiex joħolqu sinerġiji bejn il-politiki tal-inklużjoni u l-miżuri li jiġġieldu d-diskriminazzjoni. Madankollu, din il-kwistjoni xorta waħda teħtieġ li tingħata aktar attenzjoni.

Persuni b'diżabilità

B'madwar 50 miljun ċittadin Ewropew jew aktar li għandhom xi forma ta' diżabilità², l-inklużjoni ta' dawn iċ-ċittadini qiegħda tkompli tiġi indirizzata. In-nuqqas ta' attivita ekonomika u nuqqas ta' appoġġ għad-dħul normalment jitqiesu bħala r-raġunijiet wara l-faqar tal-persuni b'diżabilità, madankollu l-evidenza kwantitattiva hija skarsa. L-Istati Membri qegħdin jiffukaw fuq l-integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità fis-suq tax-xogħol, u l-eliminazzjoni ta' ostakoli għall-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, pereżempju.

Madankollu, ftit qegħdin jagħtu prijorità għat-tneħħija ta' ostakoli strutturali għal parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà. Hemm aktar lok għall-għoti ta' aktar attenzjoni lil persuni b'diżabilità fid-disinn tal-politika f'oqsma differenti (l-inklużjoni tad-diżabilità).

Nindirizzaw il-problema ta' dawk bla saqaf fuq rashom

Il-problema ta' persuni bla saqaf fuq rashom hija waħda mill-aktar forom gravi ta' esklużjoni soċjali u fil-klima ekonomika attwali, l-aċċess għal akkomodazzjoni li wieħed jista' jiflaħ għaliha u l-prevenzjoni tal-iżgumbrament huma aktar u aktar kruċjali fl-indirizzar tal-faqar u l-esklużjoni soċjali.

Ċerti pajjiżi jimplimentaw strateġiji komprensivi, multidimensjonali biex jindirizzaw b'mod speċifiku il-manifestazzjonijiet differenti tal-problema, filwaqt li oħrajn jiffukaw fuq miżuri integrati f'oqfsa politiki usa', eż. relatati mal-akkomodazzjoni, l-impjieg, u s-saħħa. L-akkomodazzjoni sostnuta — il-kombinazzjoni tal-oġġettiv ta' ħajja indipendenti ma' appoġġ soċjali personalizzat — qiegħda tirċievi attenzjoni konsiderevoli.

Bosta Stati Membri stabbilixxew miri biex inaqqsu l-problemi ta' persuni bla dar jew biex isaħħu l-istrutturi ta' appoġġ. Madankollu, in-nuqqas ta' dejta affidabbli jkompli jdgħajjef l-isforzi biex ikunu definiti u sorveljati politiki effikaċi. Il-promozzjoni tal-inklużjoni finanzjarja hija kruċjali biex tipprevjeni l-problema ta' persuni bla dar, b'mod partikolari fiċ-ċirkostanzi attwali; appoġġ u parir xieraq għandhom ikunu żgurati għal persuni li jiffaċċjaw l-iżgumbrament jew il-qbid tal-propjetà mill-banek.

² Modulu ad hoc tal-Istħarriġ tal-Forza tax-Xogħol dwar id-diżabilità 2002 flimkien mal-istima tal-popolazzjoni tal-Eurostat għall-2008.

L-indirizzar ta' żvantaġġi edukattivi

Il-parti l-kbira tal-pajjiżi jirrikonoxxu l-importanza tal-edukazzjoni, iżda ftit biss minnhom integraw il-kwistjoni fi strateġija komprensiva fuq żmien twil biex jipprevjenu u jindirizzaw l-esklużjoni soċjali. L-edukazzjoni ta' qabel il-primarja titqies bħala fundamentali, kemm bħala element ewlieni fil-livell tal-iżvantaġġ soċjo-ekonomiku, kif ukoll bħala mezz biex jiffaċilita r-rikonċiljazzjoni bejn il-ħajja tax-xogħol/tal-familja. L-isforzi qegħdin jiffukaw ukoll fuq l-iżgurar ta' standards ta' kwalità għolja fl-iskejjel kollha, fil-ġlieda kontra t-tluq qabel iż-żmien mill-iskola, fit-titjib tal-aċċess għall-edukazzjoni għal gruppi speċifiċi u fl-introduzzjoni ta' miżuri li jivvalidaw it-tagħlim minn qabel.

L-indirizzar tal-esklużjoni finanzjarja

L-indirizzar tal-esklużjoni finanzjarja hija essenzjali fi kwalunkwe strateġija kontra l-faqar, u l-kriżi finanzjarja tat aktar importanza lil din il-kwistjoni. Minn naħa waħda, il-persuni li jiffaċċjaw il-faqar u/jew l-esklużjoni jiltaqgħu ma' diffikultajiet speċifiċi fl-aċċess għal servizzi finanzjarji, b'konsegwenzi negattivi għall-finanzi personali tagħhom jew il-kapaċità tagħhom li jsibu impjieg. Iċ-ċaħda tal-aċċess għal servizzi finanzjarji fis-suq prinċipali tista' twassal lin-nies biex jirrikorru għal prodotti finanzjarji alternattivi aktar għaljin u riskjużi. Min-naħa l-oħra, għall-popolazzjoni inġenerali, kummerċ ħażin u aċċess mhux ugwali għall-informazzjoni ta' servizzi finanzjarji jistgħu jwasslu għal dejn eċċessiv.

Xi Stati Membri għandhom politiki komprensivi, li spiss jinkorporaw pariri dwar dejn, filwaqt li d-dejn eċċessiv qiegħed jiġi indirizzat bħala prijorità. Il-mikrokreditu — l-użu ta' self ta' ammonti żgħar lil dawk fil-faqar maħsub biex iħeġġeġ l-intraprenditorija — huwa pprovdut f'ċerti pajjiżi lil persuni li ma jistax ikollhom aċċess għas-suq tal-kreditu prinċipali.

IS-SITWAZZJONI SOċJALI F'ĊIFRI: Minkejja progress ġenerali fis-swieq tax-xogħol, 7% tal-impjegati jgħixu taħt il-limitu tal-faqar ('ħaddiema foqra')

PENSJONIJIET ADEGWATI U SOSTENIBBLI


It-tixjiġ tal-popolazzjoni jista' jaffettwa b'mod negattiv lis-sistemi tal-pensjoni. Il-proporzjon ta' dipendenza (il-proporzjon tal-popolazzjoni li għandha 65+ għal dawk li għandhom 15–64) huwa mbassar li jitla' għal aktar mid-doppju, minn 25% għal 53%, bejn l-2004 u l-2050³. Min-kejja li x-xjuħija m'għadhiex sinonima ma' tbatija finanzjarja, ir-riskju tal-faqar tal-pensjonanti jibqa' preżenti.

Matul dawn l-aħħar għaxar snin l-Istati Membri rriformaw is-sistemi tal-pensjoni sabiex jipprovdu pensjonijiet aktar adegwati u sostenibbli. Sar progress fil-provvediment ta' pensjonijiet adegwati mingħajr ma ġew ipperikolati s-sostenibbiltà finanzjarja u l-inċentivi tax-xogħol. Madankollu, il-prospetti ekonomiċi ġodda sejrjn jagħmlu l-ibbilanċjar bir-reqqa meħtieġ dejjem aktar diffiċli.

'Adegwatezza' u 'sostenibbiltà' definiti

Il-mira ta' skemi ta' pensjoni hija li jiżguraw standard ta' għajxien deċenti għall-persuni rtirati, sabiex jiġu evitati l-faqar u l-esklużjoni soċjali fix-xjuħija. Pensjonijiet adegwati bħal dawn jippermettu lill-anzjani jibbenefikaw ukoll mill-benesseri ekonomiku ta' pajjiżhom u jipparteċipaw fil-ħajja pubblika, soċjali u kulturali. Madankollu, pensjonijiet futuri adegwati jeħtieġu li s-sistemi ta' pensjoni jkunu ffinanzjati b'mod sostenibbli quddiem soċjetajiet li qegħdin jixxjeħu b'mod rapidu. L-adegwatezza u s-sostenibbiltà tal-pensjonijiet huma għalhekk marbutin flimkien b'mod li ma tistax tifridhom.

Dħul relattiv tal-anzjani: dħul medju ta' persuni li għandhom 65+ bħala proporzjon tad-dħul ta' persuni li għandhom 0–64, 2007



Sors: Eurostat.

³ Eurostat.


Aktar nies jaħdmu, u jaħdmu għal żmien itwal

Minħabba ż-żieda fl-għomor, ir-riformi tas-sistemi tal-pensjoni ffukaw fuq iż-żamma ta' persuni anzjani attivi fis-suq tax-xogħol. Fil-fatt aktar nies anzjani għandhom impjieg, bi 11-il pajjiż issa laħqu l-mira ta' Liżbona ta' 50% impjieg għal dawkl li għandhom bejn il-55 u l-64 sena sal-2010. Minħabba ż-żieda fl-għomor, fuq perijodu ta' żmien medju, sejrjn ikunu meħtieġa saħansitra rati ta' impjieg ogħla.

Biex iċ-ċittadini anzjani jkunu mħeġġa jibqgħu fis-suq tax-xogħol, l-età ta' rtirar effettiva għandha togħla. Skont rapporti nazzjonali, l-Istati Membri qegħdin jibdedw iżidu l-età pensjonabbli fi skemi statutorji ta' pensjoni, qegħdin jingħalqu r-rotot ta' ħruġ bikri u qegħdin jitneħħew l-inċentivi tal-irtirar kmieni. Dawn huma sinjali importanti għal min iħaddem u għall-impjegati biex itejbu l-prattiki tagħhom ta' ġestjoni tal-età u biex jipposponu l-irtirar. It-tnaqqis ekonomiku attwali sejjer jittestja d-durabilità ta' dawn il-kisbiet. L-evitar kemm ta' tnaqqis fl-età ta' rtirar effettiva kif ukoll tal-użu ta' toroq bikrija barra mis-suq tax-xogħol, sejjer ikun kruċjali biex tiġi indirizzata ż-żieda fil-qgħad.

IS-SITWAZZJONI SOĠJALI F'ĊIFRI: Ir-rata tal-impjieg ta' ħaddiema ikbar fl-età (li għandhom 55-64 sena) laħqet il-45% fl-2007 kontra s-37% fl-2001.

Ir-rata ta' impjieg ta' ħaddiema akbar fl-età (55-64)




Sors: Eurostat.

Niżguraw l-adegwatezza tal-pensjonijiet

Il-prospettivi ekonomiċi preżenti jenfasizzaw il-ħtieġa li jkun żgurat li l-ħaddiema li jkunu qiegħda għal xi żmien ikunu koperti minn skema ta’ pensjoni. Tabilħaqq, taħt sistemi riformati, l-interruzzjonijiet fil-karrieri jistgħu jnaqqsu l-adegwatezza b’mod sinjifikanti, kif jidher fil-figura. B’mod partikolari, huwa importanti li tkun żgurata kopertura sħiħa u li tkun issorveljata l-adegwatezza tal-pensjonijiet għan-nisa u għal dawk li jaqilgħu pagi baxxi.

IS-SITWAZZJONI SOĊJALI F’ĊIFRI: Is-sistemi attwali ta’ pensjoni ġeneralment naqqsu l-faqar fost l-anzjani, iżda nisa anzjani waħedhom jiffaċċjaw riskju ħafna akbar minn irġiel anzjani waħedhom (28% meta mqabbla ma’ 20%).

L-impatt ta’ interruzzjoni fil-karriera ta’ sena, sentejn u tliet snin minħabba qgħad fuq id-dħul tal-pensjonant futur



Sors: Il-kalkoli tal-ISG dwar ir-rati ta’ sostituzzjoni teoretiċi li saru fil-mudell tal-OECD APEX jew f’modelli nazzjonali.

Nota: Imkejla permezz ta’ differenzi fir-rati netti ta’ sostituzzjoni teoretiċi — dħul ta’ pensjonant relattiv għall-aħħar paga li jkun irċieva, f’punti perċentwali.

Skemi ta’ pensjonijiet iffinanzjati

Għalkemm fil-parti l-kbira mhumiex daqstant importanti għalissa għal dawk li qegħdin jirtiraw illum, l-iskemi ffinanzjati b’mod ġenerali qegħdin isiru kuljum aktar sinjifikanti. Huwa għalhekk li r-Rapport Konġunt 2009 jagħti attenzjoni mill-qrib għall-għoti ta’ pensjonijiet iffinanzjati.

B'mod partikolari, ir-Rapport jenfasizza l-ħtieġa li skemi ffinanzjati jinkludu għotjiet li jipproteġu kontra volatilità sostanzjali. Soluzzjoni waħda hija li jitbaxxa r-riskju ta' investment hekk kif il-persuni jilħqu l-età tal-irtirar — magħrufa bħala 'approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja lejn l-investment'. Bi strateġija bħal din, membri iżgħar jistgħu jagħżlu prodotti aktar riskjużi b'possibbiltà akbar li jaqilgħu aktar matul ħajjithom; b'kuntrast għal dan, il-membri li jkunu waslu biex jirtiraw ikunu jistgħu jagħżlu prodotti bi strateġija ta' investment aktar kawta qabel ma jbiddu t-tfaddil tal-pensjoni fi dħul għall-irtirar.

Ir-rapport jitlob ukoll soluzzjonijiet xierqa għall-fażi ta' ħlas li għadha trid tiġi stabbilita f'għadd ta' pajjiżi bi skemi obbligatorji. L-annwalitajiet jiggarantixxu dħul għall-ħajja irrispettivament mit-tul eventwali tagħha u, bħala tali, huma l-aktar mezzi siguri sabiex jipprovdru dħul matul l-irtirar.

L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw b'attenzjoni il-proporzjon tad-dħul ġenerali ta' pensjonijiet li mistennija jiġu minn skemi ta' kontribuzzjoni definiti u dwar jekk ikunux biżżejjed xierqa għall-gruppi kollha fil-popolazzjoni. Pereżempju, fi skemi volontarji, hemm evidenza li l-livelli ta' kopertura u ta' kontribuzzjoni jiddependu fuq l-istejtus soċjo-ekonomiku tal-membri fl-iskema.

Jekk l-iskemi privati sejrini ikunu sors essenzjali tad-dħul fl-irtirar, il-livelli ta' kopertura u ta' kontribuzzjoni jeħtieġu li jiġu stabbiliti skont dan.

Barra minn hekk, korpi ta' sorveljanza li jaħdmu sew u oqfsa regolatorji finanzjarji effikaċi huma essenzjali. Bil-pensjonijiet taċ-ċittadini ġejjin minn sorsi multipli, huwa vitali li jkollhom aċċess għal informazzjoni mingħajr preġudizzju u edukazzjoni finanzjarja sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet informati.

L-impatt tal-kriżi fuq id-dħul ta' pensjonijiet iffinanzjati

L-istrateġiji orjentati fuq żmien twil u l-qafas regolatorju naqqsu l-impatt tal-kriżi fuq id-dħul tal-pensjoni privata għall-parti l-kbira ta' dawk li qegħdin jirtiraw illum, iżda xi wħud sejrini jiffaċċjaw riżultati li jkunu inqas mill-aspettattivi tagħhom.

Dispożizzjonijiet ta' dħul minimu

L-Istati Membri qegħdin jibdlu d-dispożizzjonijiet ta' dħul minimu tagħhom għall-anzjani biex iżidu l-benefiċċji u jiffaċilitaw l-aċċess. Minħabba li l-benefiċċji għandhom tendenza li jkunu indiċjati bi prezz, id-dħul relattiv x'aktarx li waqa' lura fis-sni reċenti ta' tkabbir. Madankollu, l-erożjoni relattiva hija fil-parti l-kbira sostanzjalment iżgħar minn dak li jista' jkun mistenni. Il-parti l-kbira tal-pajjiżi għollew ir-rati tal-pensjonijiet minimi u l-għotjiet minimi.

KURA TAS-SAĦĦA U KURA FUQ ŻMIEN TWIL AĊĊESSIBBLI GĦAL KULĦADD

L-Istati Membri huma impenjati li jipprovdu liċ-ċittadini kura tas-saħħa u kura għal żmien twil aċċessibbli, ta' kwalità għolja u sostenibbli. Saħħa tajba hija mira importanti, minħabba li tikkontribwixxi għall-benesseri ġenerali ta' kull individwu. Barra minn hekk, tagħti l-opportunità lill-persuni li jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, kif ukoll f'attivitajiet soċjali u politiċi, tnaqqas il-lif tal-mard u l-assenteiżmu, iżżid il-produttività, u tipposponi l-irtirar, li jippermetti ħajja tax-xogħol itwal.

IS-SITWAZZJONI SOĊJALI F'ĊIFRI: Il-medja tal-għomor mistenni issa hija ta' 82 sena għan-nisa u ta' 76 sena għall-irġiel. Dan wara żieda fil-lonġevità ta' 4 snin għan-nisa u ta' 5 snin għall-irġiel f'dawn l-aħħar 20 sena.

Intejbu s-sistemi tal-kura tas-saħħa

L-Istati Membri isostnu li politiki essenzzjali li jikkontribwixxu għal saħħa tajba u ħajja itwal ta' ħidma jinkludu politiki tas-saħħa effettivi fuq il-post tax-xogħol, il-promozzjoni tas-saħħa, il-prevenzjoni tal-mard, kura ta' fejqan u rijabilitazzjoni. Hemm ukoll ħtieġa għall-bini ta' koerenza akbar bejn il-politika ekonomika, edukattiva, tal-impjegi, ambjentali u soċjali.

L-Istati Membri qegħdin ikomplu l-isforzi tagħhom biex itejbu l-effiċjenza u l-effikaċja, b'bosta minnhom jesploraw il-possibbiltajiet ta' privatizzazzjoni. Jekk riformi bħal dawn jippromwovux jew le l-kwalità u l-effiċjenza jiddependi mill-inċentivi u l-kuntratti ma' fondi tal-assigurazzjoni. Fil-livell nazzjonali, is-suċċess jiddependi fuq il-kapaċità istituzzjonali li tiġi ssoveljata, regolata, u żgurata l-ugwaljanza tar-riskju u li jkun identifikat x'jistax jagħmel aħjar is-settur privat u dak pubbliku. Id-dispożizzjonijiet privati u pubbliċi jeħtieġu wkoll li jkunu kkoordinati sabieħ jinħolqu sinerġiji u tkun evitata d-duplikazzjoni.


IS-SITWAZZJONI SOĊJALI F'ĊIFRI: In-nefqa totali fuq is-saħħa żdiedet madwar l-UE f'dawn l-aħħar għoxrin sena. Illum din tvarja bejn 10% jew aktar tal-PGD f'xi pajjiżi u 6% jew inqas f'oħrajn.

Aċċess għall-kura tas-saħħa għal kulĦadd

Minkejja s-sistemi tajbin tal-kura tas-saħħa stabbiliti fl-Istati Membri, għad hemm nuqqas kbir ħafna ta' ugwaljanza fis-saħħa ta' ċittadini Ewropej minn gruppi u reġjuni soċjo-

ekonomiċi differenti. Id-dejta disponibbli tissuġġerixxi li n-nies fil-pajjiżi kollha jirrapportaw li mill-inqas darba fit-12-il xahar preċedenti ħassew il-bżonn ta' kura medika (eżami jew trattament) u ma rċevewhiex jew għax kellhom jistennew, jew għax kienet tiswa wisq flus, jew għax kienet 'il bogħod wisq biex jiksbuha (kura medika mhux mogħtija). Dawk b'inqas edukazzjoni, b'inqas flus jew bi stejtus ta' impjeg agħar, għandhom it-tendenza li jbatu aktar minn problemi tas-saħħa. Nuqqas ta' ugwaljanza bħal dan jaggrava l-esklużjoni soċjali u n-nuqqas ta' ugwaljanza ekonomika u jirrappreżenta telf tal-potenzjal uman.

Ħtiegħa għal kura medika mhux issodisfatta awto-rappurtata (raġunijiet ta' aċċess), (skont il-livell tad-dħul mill-ifqar 20% sal-20% l-aktar għonja, %, 2006)



Sors: Eurostat fuq il-bażi ta' dejta UE-SILC 2006.

Raġunijiet ta' aċċess: id-dewmien għall-kura, il-ħlas għall-kura u d-distanza għall-kura.

L-Istati Membri qegħdin jaħdmu sabiex itejbu s-sitwazzjoni permezz ta' diversi politiki bejn is-setturi li jindirizzaw kemm kif tista' ssir il-promozzjoni ta' saħħa aħjar kif ukoll il-prevenzjoni tal-mard. Barra minn hekk, qegħdin ifittxu li jinvolvu firxa wiesgħa ta' servizzi bħall-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni u l-impjeg. Barra minn hekk, il-pajjiżi kollha jqisu t-titjib fil-kura primarja bħala t-triq 'il quddiem biex jitjeb l-aċċess, tkun żgurata l-koordinazzjoni tal-kura u bħala kontribut għas-sostenibbiltà.

Madankollu, minħabba li t-trattament tal-kura tas-saħħa — b'mod partikolari l-ispejjeż tal-isptar — jikkonsma l-akbar sehem tan-nefqa, il-promozzjoni u l-prevenzjoni jirċievu proporzjon

relattivament żgħir ta' nfiq meta mqabbel mal-miri tagħhom. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' tobba u infermiera f'bosta pajjiżi jista' jagħmel dawn il-miri aktar diffiċli biex jinkisbu.

Il-kwalità tal-kura tas-saħħa

Il-kwistjonijiet ta' kwalità qegħdin jitlejgħu 'il fuq fl-aġenda tal-Istati Membri, b'bosta minn-hom jieħdu inizjattivi li għandhom l-għan li jipprovdut liċ-ċittadini b'kura preventiva u trattament ta' kwalità tajba u sigura. Pereżempju, l-istandards ta' kwalità jew il-linji gwida kliniċi tfaßlu u ġew implimentati bl-użu ta' mediċini bbażati fuq l-evidenza jew valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa.

Madankollu, ftit pajjiżi biss għamlu s-sigurtà tal-pazjenti — element kruċjali tal-kwalità — prijorità ewlenija, u stabbilixxew strutturi u sistemi xierqa. Wieħed jista' jara diskrepanzi enormi, b'xi wħud mill-Istati Membri avvanzati fl-implimentazzjoni ta' strateġiji ta' kwalità u ta' sigurtà u fl-għoti ta' approċċ iffokat fuq il-pazjent, u b'oħrajn li għadhom fil-bidu tal-proċess. Dawn id-diskrepanzi jistgħu jkunu dovuti għar-riżorsi limitati allokati għall-kura tas-saħħa u n-nuqqas ta' għarfien dwar il-vantaġġi fuq żmien twil li tista' ġġib magħha l-kura ta' kwalità tajba.

Sostenibbiltà u koordinazzjoni

Kif issemma hawn fuq, għadha tippersisti l-kwistjoni ta' nuqqas ta' persunal fil-kura tas-saħħa, u t-tixjiħ tal-popolazzjoni x'aktarx li tagħmel is-sitwazzjoni aġar. Dan iqajjem dubju dwar is-sostenibbiltà tas-sistema. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri sabiex jirreklutaw, iħarrġu u jżommu professjonisti tal-kura tas-saħħa fil-livelli kollha.

Barra minn dan, il-pajjiżi għamlu progress fil-ħolqien ta' approċċ integrat għall-ġestjoni ta' mard kroniku, iżda jibqa' ħafna xi jsir biex titjeb il-koordinazzjoni bejn il-livelli ta' gvern, it-tipi ta' kura medika, is-saħħa u l-kura soċjali, id-dispożizzjonijiet pubbliċi u privati, u s-settur pubbliku u s-settur terz. Dan japplika l-aktar għall-kura fuq żmien twil.

Kura fuq żmien twil

Stennija ta' ħajja itwal u bidliet soċjo-ekonomiċi qegħdin jinfluwenzaw it-talba għal kura fuq żmien twil. Għaldaqstant, l-Istati Membri qegħdin ifittxu li jidentifikaw taħlita sostenibbli ta' ffinanzjar, li fiha s-sehem attwali ta' sorsi privati ta' finanzjament ikun relattivament għoli. Dawn is-sorsi jistgħu jkunu kopertura ta' assigurazzjoni privata tas-saħħa jew pagamenti privati tal-familji.

Il-persuni dipendenti jippreferu kura fuq żmien twil f'post residenzjali jew komunitarju minflok kura istituzzjonali, iżda f'bosta pajjiżi din tal-aħħar għadha tirrappreżenta aktar minn nofs l-infiq pubbliku. Barra minn hekk, bħal fil-każ tal-kura tas-saħħa, hemm il-ħtieġa li jiġi indirizzat in-nuqqas mistenni fil-forza tax-xogħol fis-settur tal-kura fuq żmien twil (kura formali) kif ukoll it-tfaßil ta' modi kif jiġu appoġġjati l-membri tal-familja jew ħaddiema informali fil-kura tas-saħħa.

KONKLUŻJONIJIET

Messaġġi ewlenin mill-NSRs il-ġodda tal-Istati Membri li jiddeskrivu strateġiji li jippromwovu l-oġettivi soċjali komuni tal-UE:

- L-UE tista' tibni fuq il-valuri tas-solidarjetà li huma l-bażi tal-politiki soċjali tagħha u fuq il-progress fir-riformi strutturali sabiex itaffu l-impatt tal-kriżi ekonomika u jgħinu fl-irkupru. It-tiżniħ ulterjuri tal-interazzjoni reċiproka pożittiva b'azzjoni għat-tkabbir u l-impjeggi huwa vitali, l-aktar billi s-sistemi ta' protezzjoni soċjali jitħallew jaqdu b'mod sħiħ ir-rwol tagħhom ta' stabilizzaturi awtomatiċi. Sabiex ikun indirizzat l-impatt negattiv fuq l-impjeggi u l-koeżjoni soċjali, jeħtieġ li r-riformi fuq żmien twil jiġu sostnuti filwaqt li jkunu bbilanċjati b'miżuri fuq żmien qasir li jkollhom l-għan li jipprevjenu t-telf tal-impjeggi u jsostnu d-dħul tal-familji. Ir-riformi strutturali reċenti fil-qasam tas-sigurtà soċjali kisbu riżultati, billi impjegaw aktar nies, saħħew l-inċentivi għax-xogħol u r-reżistenza tas-swieq tax-xogħol, tawlu l-ħajja tax-xogħol u tejbu t-tkabbir ekonomiku. Huwa meħtieġ rispons qawwi kkoordinat tal-UE, filwaqt li indikazzjonijiet siewja huma pprovduti mill-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku.
- Il-Fond Soċjali Ewropew għandu jintuża fil-potenzjal kollu tiegħu b'mod flessibbli u f'waqtu biex itaffi l-impatti soċjali tal-kriżi, billi jappoġġja d-dħul mill-ġdid u bla dewmien fis-suq tax-xogħol tal-persuni qiegħda u billi jiffoka fuq dawk l-aktar vulnerabbli. L-implimentazzjoni ssimplifikata tal-Fondi Strutturali u koordinazzjoni mtejba ma' politiki soċjali għandhom ikunu ta' għajjnuna. Il-Kummissjoni sejra toħroġ bullettin regolari biex tosserva t-tendenzi soċjali mill-qrib. Ir-rapporti tal-Istati Membri jistgħu jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenzi politiki fil-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali.
- Jeħtieġ li jiġu implimentati strateġiji komprensivi ta' Inklużjoni Attiva li jikkombinaw u jibbilanċjaw miżuri mmirati lejn swieq tax-xogħol inklużivi, aċċess għal servizzi ta' kwalità u dħul minimu adegwat. Jeħtieġ li tingħata spinta lill-isforzi tal-Istati Membri sabiex jimplementaw strateġiji komprensivi kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali tat-tfal, inkluż il-kura tat-tfal ta' kwalità aċċessibbli u li wieħed jiflaħ għaliha. Huwa meħtieġ xogħol sostnut biex tiġi indirizzata l-problema ta' persuni bla dar bħala forma serja immens ta' esklużjoni, biex ikunu indirizzati l-iżvantaġġi multipli li l-persuni Roma qegħdin jiffaċċjaw u l-vulnerabbiltà tagħhom għall-esklużjoni soċjali, u biex tkun promossa l-inklużjoni soċjali tal-immigranti. *Hemm bżonn ta' vijilanza hekk kif jistgħu jitfaċċaw gruppi ġodda f'riskju — eż. ħaddiema żgħażaġh u dawk li jidħlu fis-suq tax-xogħol — kif ukoll riskji ġodda.*

- L-adeqwatezza u s-sostenibbiltà fuq żmien twil ta' sistemi ta' pensjonijiet jiddependu fuq l-isforzi kontinwi biex tintlaħaq il-mira ta' Liżbona ta' rata ta' impjeg ta' 50% għall-ħaddiema anzjani minkejja t-tnaqqis ekonomiku. Huwa importanti li tkun żgurata l-kopertura sħiħa u s-sorveljanza tal-adeqwatezza tal-pensjonijiet l-aktar għan-nisa u għal dawk li jaqilgħu pagi baxxi. Strateġiji mfassla fuq żmien twil u l-qafas regolatorju naqqsu l-impatt tal-kriżi fuq id-dħul minn pensjonijiet privati għall-parti l-kbira ta' dawk li qegħdin jirtiraw illum, iżda xi wħud jistgħu jiffaċċjaw riżultati li huma inqas mill-aspettattivi tagħhom. Il-mod kif inhuma mfasslin skemi ffinanzjati jeħtieġ li jiġi rivedut biex jagħti spinta lill-abbiltà tagħhom huma u jindirizzaw ir-riskji fil-fażijiet ta' investment u ta' ħlas, u biex titjieb il-kopertura sabiex ikunu jistgħu jirrealizzaw bis-sħiħ il-qawwa tagħhom li jlaħħqu mat-tixjiħ.
- L-Istati Membri qegħdin jistinkaw sabiex itejbu l-valur għall-flus tal-kura tas-saħħa u jnaqqsu d-differenzi tas-saħħa permezz ta' aktar attenzjoni għall-kura primarja, il-prevenzjoni, il-promozzjoni tas-saħħa, koordinazzjoni aqwa u użu razzjonali tar-riżorsi. Dawn l-istrateġiji jeħtieġ li jkunu segwiti b'aktar impenn, b'mod partikolari fejn is-sistemi tal-kura tas-saħħa għandhom nuqqas ta' riżorsi. Dan jimplika wkoll l-indirizzar tan-nuqqas potenzjali ta' persunal fil-kura tas-saħħa permezz ta' miżuri ta' reklutaġġ, taħriġ, żamma u żvilupp ta' professjonisti tal-kura tas-saħħa fil-livelli kollha.
- L-Istati Membri qegħdin jistinkaw ukoll sabiex jistabbilixxu u jsaħħu s-sistemi ta' kura ta' kwalità fuq żmien twil, biex joħolqu bażi finanzjarja solida, biex itejbu l-koordinazzjoni tal-kura u biex jiżguraw riżorsi umani biżżejjed kif ukoll appoġġ għal ħaddiema informali fil-kura tas-saħħa.
- L-Ċiklu tal-Metodu Soċjali Miftuħ ta' Koordinazzjoni (OMC) attwali sejjer idum sal-2010, is-sena mmirata għall-istrateġija ta' Liżbona. Sejjer ikun meħtieġ impenn qawwi biex jintlaħqu l-oġettivi miftiehma dwar il-protezzjoni soċjali u l-inklużjoni soċjali, u s-Sena Ewropea 2010 għall-Ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali sejra tafferma dan mill-ġdid. Filwaqt li d-deċiżjoni rigward l-istabbiliment ta' miri nazzjonali kkwantifikati u d-definizzjoni tagħhom tibqa' r-responsabbiltà ċentrali tal-Istati Membri, ir-rwol pożittiv tal-OMC Soċjali jista' jissaħħaħ aktar permezz ta' stabbiliment ta' miri nazzjonali bbażati fuq l-evidenza. Għandha tingħata aktar attenzjoni għall-kwalità u l-kontinwità tal-involvement tal-partijiet interessati u għall-inklużjoni ta' konsiderazzjonijiet soċjali *inter alia* permezz tal-evalwazzjoni ta' impatti soċjali bħala parti vitali mill-valutazzjonijiet tal-impatt integrati.

KUN AF AKTAR

Rapport Konġunt dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali 2009	
Rapporti strateġiċi nazzjonali	http://ec.UEuropa.UE/employment_social/spsi/strategy_reports_en.htm
L-inklużjoni soċjali fl-UE	http://ec.UEuropa.UE/social/main.jsp?catId=437&langId=en
Il-protezzjoni soċjali fl-UE	http://ec.UEuropa.UE/social/main.jsp?catId=443&langId=en
Is-Sena Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali	http://ec.UEuropa.UE/social/main.jsp?langId=en&catId=637
Il-Fond Soċjali Ewropew	http://ec.UEuropa.UE/social/main.jsp?catId=325&langId=en
Il-Pjan ta' Rkupru Ekonomiku Ewropew	http://ec.UEuropa.UE/economy_finance/thematic_articles/article13502_en.htm

Il-Kummissjoni Ewropea

RAPPORT KONĠUNT DWAR IL-PROTEZZJONI SOĊJALI U L-INKLUŻJONI SOĊJALI 2009 — SOMMARJU
Inklużjoni soċjali, pensjonijiet, kura tas-saħħa u kura għal żmien twil

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2009 — 24 pp. — 14,8 × 21 cm

ISBN 978-92-79-13143-1

doi:10.2767/41950

Dan il-fuljett jippreżenta sommarju tar-Rapport Konġunt dwar il-Protezzjoni Soċjali u l-Inklużjoni Soċjali 2009. Abbażi tar-rapporti dwar l-Istrateġija Nazzjonali li jiddeskrivu l-prijoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali, il-fuljett jagħti ħarsa ġenerali lejn it-tendenzi ewlenin dwar l-Unjoni Ewropea u livelli nazzjonali f'dawn l-oqsma.
Din il-pubblikazzjoni hi disponibbli f'format stampat fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

Kif jiġu akkwistati l-pubblikazzjonijiet tal-UE

Pubblikazzjonijiet għall-bejgħ:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mill-ħanut tal-kotba tiegħek billi tikkwota t-titlu, il-pubblikatur u/jew in-numru tal-ISBN;
- billi tikkuntattja wieħed mill-aġenti tagħna direttament inkarigat mill-bejgħ.

Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link <http://bookshop.europa.eu>, jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:

- permezz tal-EU Bookshop (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Kummissjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet.

Tista' takkwista d-dettalji ta' kuntatt tagħhom permezz tal-link <http://ec.europa.eu>/ jew billi tibgħat faks fin-numru +352 2929-42758.

Jinteressaw **il-pubblikazzjonijiet** tad-Direttorat Ġenerali għall-Impjegi,
l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq?

Jekk iva, tista' tniżżilhom mill-Internet jew tabbona għalihom bla ħlas minn
<http://ec.europa.eu/social/publications>

Nistednuk ukoll li tinkiteb sabiex tibda tirċievi n-newsletter elettronika
Social Europe tal-Kummissjoni Ewropea bla ħlas fuq
<http://ec.europa.eu/social/e-newsletter>

<http://ec.europa.eu/social>



■ L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-79-13143-1



9 789279 131431